# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**


Minuti tal-laqgħa numru mija u sitta (106) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar il-17 ta' Diċembru 2018, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fis-6.17pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Dr Charlene Muscat | Sindku |
| | Grace Marie Zerafa | Viċi Sindku |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |

**106.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Ma kienx hemm

Is-Sindku ppresediet il-laqgħa u qalet it-talba.

**106.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa 104 u 105;**

Il-minuti tas-seduti numru 104 u 105 sarulhom numru ta' korrezzjonijiet skont kif jidhru fuq il-kopja oriġinali u dawn kienu mgħoddija għal vot wara li kienu proposti minn Charlene Muscat u ssekondati minn Anita Farrugia. Dawn kienu approvati b'vot unanimu.

**106.03 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

106.03.01 Is-Sindku l-Viċi Sindku u l-kunsillieri insistew biex isir ix-xogħol fuq il-problema tal-familja li hemm fi Triq il-Qattara bid-drenaġġ, il-bankina quddiem ir-residenza Teżawru fi Triq Valletta u l-*culvert* fi Sqaq fi Triq il-Fjuri.

106.03.02 Il-fehma tal-KLM dwar ir-*Rockmass* li kienet organizzata fil-Pjazza tal-Knisja nhar 16 ta' Diċembru kienet waħda tajba.. Intant kien hemm proposta biex issir *Rockmass* oħra fl-Għid u ssemmiet id-data tal-14 t'April, f'Ħadd il-Palm.

106.03.03 Dwar il-latrina pubblika il-KLM se jġib stimi biex jinqala' l-madum u jitwaħħlu aċċessorji ġodda.

106.03.04 Is-Sindku qalet illi s-Sur Barun jaf li mhux se jieħu l-offerta pubblika tal-latrina għaliex dan ċemplilha biex ikun jaf xi tfisser l-ittra li rċieva. Il-KLM se jara jekk irċeviex l-ittra ta' aċċettazzjoni il-G3S Ltd biex jibda' jopera l-latrina pubblika mill-aktar fis possibbli.

106.03.05 Is-Sindku semmiet il-kuntratt tal-knis tat-toroq. Dak il-ħin kien ikkonfermat illi l-kuntrattur Elton John Zammit irrifjuta l-ittra ta' terminazzjoni permezz tas-sit tal-Maltapost plc. Se jsiru tentattivi oħra biex din tintbgħat.. Kien diskuss il-ħin tal-ftuħ tal-KLM u ġie propost li d-DSE jkellem lill-Kylie Fenech biex jara jekk din tkunx disposta li nhar ta' Sibt tiftaħ fit-8.00am u imbgħad tkompli Valerie Galea fid-9.00am x'ħin Kylie Fenech tmur il-librerija pubblika.

106.03.06 Il-KLM iddeċieda unanimament illi jagħti lil Antoine Farrugia u ċekk ieħor lil Jenny u Volker, kif jitlesta x-xogħol tal-inqix fil-ġebliet għal €500.

106.03.07 Is-Sindku semmiet il-każ ta' resident li ġie bi proposta li ssir bye-law biex ikunu eliminati t-tazzi u l-fliexken tal-ħġieġ mit-toroq. Ġie ċċarat mid-DSE li din il-Bye-Law ilha fis-seħħ għal diversi snin fl-Imqabba.

106.03.08 Is-Sindku semmiet l-ilment illi fi Triq Annetto Caruana r-residenti qed jgħaddu mill-iskumdita' għaliex xi żgħażagħ qed itellqu bil-karozzi f'din it-triq. Kien deċiż illi titwaħħal tabella fejn tgħid illi din it-triq hija sorveljata 24 siegħa kuljum.

106.03.09 Is-Sindku semmiet l-ilment li daħlilha f'toroq li fihom hemm il-ħwienet li għandhom il-parapetti bħal Triq Karmenu Ciantar, li qed isaqqfu kamra addizzjonali fil-parapett. Il-kunsillieri qablu illi dan hu xogħol l-awtoritatjiet kompetenti mill-infurzar.

106.03.10 Issemmiet il-lista tal-ilmenti li qed tkun mgħoddija kull ġimgħa lill-*Customer Care* tas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u ntqal illi din mhix qed tkopri kollox. Kien deċiż illi jieqfu l-*acknowledgement letters* li jingħataw lil min jagħmel l-ilment mill-KLM, jiġi assenjat numru min-naħa tal-istaff u fl-ittra li tintbgħat lil min jagħmel l-ilment ikun hemm *feedback* u mhux sempliċiment *acknowledgement.* F'dan il-feedback għandu jkun hemm riferut l-entita' li lilha ġie riferut il-każ, in-numru fejn din l-entita' tista' tiġi kkuntattjata u n-numru tar-referenza assenjat għall-ilment in-kwistjoni.

106.03.11 Billi Lejlet il-Milied u Lejlet l-Ewwel tas-sena ġejjin it-Tnejn, is-Sindku pproponiet illi l-uffiċċju jsir xogħol sa Nofsinhar. Din il-proposta għaddiet unanimament.

106.03.12 Is-Sindku rreferiet għal applikazzjoni formali li bagħtet Valerie Galea biex tibda' taħdem bil-flex-time. Din l-applikazzjoni għaddiet unanimament.

106.03.13 Charlene Muscat qalet illi serata mill-festival tan-nar li se jkun organizzat fl-2019 mill-MTA se jsir fl-Imqabba.

**106.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

106.04.01 Michel Farrugia irrapporta lampa maqtugħa fi Sqaq numru 1, fi Triq il-Parroċċa.

106.04.02 Michel Farrugia irrapporta wkoll ħofra fonda li nqalgħet minn fuq water service tad-djar fejn il-ħanut tal-merċa fi Triq Santa Katerina.

Dwar il-party tat-tfal id-DSE qal illi l-kostum tal-Father Christmas ma rnexxilniex nikruh u għandna wieħed żgħir. Il-KLM se jara min jista jilbes dak in-nhar il-kostum provdut. Charlene Muscat qalet illi entertainer għandu jkun fis-sala tal-iskola bejn 10.15am u l-11.30am, filwaqt li l-iskola għandha tiftaħ fit-8.30am.

**106.05 Talba għal kumpens minn sid ta' vettura li kienet għaddejja minn Triq tas-Sejba;**

Il-KLM kien unanimu illi dan l-inċident seħħ minħabba negliġenza min-naħa tas-sewwieq, u għalhekk ma kienx hemm qbil li jingħata l-kumpens.

**106.06 Biex ikun deċiż jekk il-KLM għandux jagħmel rapport lill-Bord ta' Governanza dwar it-tmexxija tal-Eks Sindku Noel Galea;**

Il-KLM iddiskuta l-każ Schembri Barbros vs KLM, prorpju jekk dan għandux jgħaddi quddiem il-Bord tal-Governanza. Is-Sindku qalet illi l-arbitru iddikjarat illi l-mod kif kienu jsiru l-affarijiet ma kienux qed isiru bis-serjeta' u fix-xiehda tiegħu, l-eks Sindku Noel Galea qal li kienet ħaġa normali illi jeħodhom hu d-deċiżjonijiet mingħajr ma jlaqqa' l-KLM anke fejn jidħlu ċifri konsiderevoli. Is-Sindku qalet illi in vista ta' dan kollu hija ssostni illi jsir rapport lill-Bord tal-Governanza. Paul Spiteri qal illi b'daqshekk il-KLM m'hu se jiggwadanja xejn mil-lat finanzjarju ġaladarba l-arbitru tat is-sentenza. Is-Sindku ressqet il-proposta għall-vot. Ittieħed il-vot u dan kien jaqra' erbgħa favur li l-każ ikun mgħoddi lill-Bord tal-Governanza u wieħed kontra.

**106.07 Laqgħa Pubblika tal-Lokalita';**

Kienet iffissata l-ġurnata fejn se ssir il-laqgħa pubblika tal-lokalita' fil-librerija pubblika tal-lokalita' tal-Imqabba. Din se ssir nhar il-5 ta' Frar 2019.

**106.08 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv;**

Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv, Anthony Bonello kien konfermat li jibqa' f'dan ir-rwol.

**106.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 555 u l-KLM se jaqta' 25% mill-pagament tas-Sur Elton John Zammit minħabba li s-servizz tal-knis mhux sodisfaċenti. Meta d-DSE semma' item numru 9 taċ-ċedola fejn qed ikun propost li ssir manutenzjoni fi Sqaq numru 3, fi Triq il-Parroċċa, Grace Marie Zerafa qalet illi jekk issir manutenzjoni f'dan l-isqaq fejn qed iżomm l-ilma tax-xita irid isir ukoll manutenzjoni wkoll ta' Triq il-Murselli fejn qed joqgħod l-ilma u fi Triq il-Mitħna. Id-DSE qal illi hemm postijiet oħra li jżomm l-ilma fihom u li wkoll jinħtieġ li jsiru bħal Triq Santa Katerina u Triq San Bażilju. Is-Sindku qalet li għandna mmexxu biex fejn hu possibbli dawn il-problemi jissolvew. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**106.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;**

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00pm u dik li jmiss se ssir nhar l-14 ta' Jannar 2019.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 14.1.2019 minn Dr Charlene Muscat

Deputat Segretarju Eżekuttiv Sindku